# HAWN JIEN, ĠESU' . . .

*Ta'* Bro. HENRY, F.S.C.

Hawn jien, Ġesù, bil-ħrara ġejt quddiemek,
Għalkemm sikwit għajjien, maħqur, muġugħ;
Għax f'ħarstek sibt il-għajn ta' kull mogħdrija,
Fi kliemek sibt il-faraġ, dawl ir-ruħ.

Minn ħdejk ma rridx nitbiegħed, jiġri x'jiġri;
Ġesù ħanin, ismagħni ftit illum;
Kemm għandi x'ngħidlek . . . hawn f'riġlejk inferra'
Il-ferħ, id-dieq, u l-ħidma ta' kull jum.

Għalxejn infittex il-pjaċir lelliexi,
Kollox jintemm malajr bħal żiffa riħ;
'Ma ħdejk Ġesù, kull waqt hu ħajr bla temma,
Kull dieqa tgħib; ix-xogħ'l isir mistrieħ.

Nistħajlek tgħidli b'ħeġġa: "Għix ġo Fija;
Ħallini nkebbes qalbek b'nar qaddis!"
U jien inwieġbek: "Fik, Ġesù, din ħajti,
Għallimni nemmen, nitma, nħobbok fis.

U dik Xbihitek ħelwa, ħekk qaddisa,
Tnissilli f'ruħi tjieba, qawwa, sliem;
Tfakkarni f'kemm batejt; x'għamilt għalija . . .
Tħeġġiġni biex tad-dnub inneħħi l-ġdiem.

Inħossni f'dan il-waqt fil-ġabra miegħek
Qed ngħix f'dinja oħra, bogħ'd mill-qerq, mid-dieq;
Nixtieq li nibqa' hawn, 'ma d-dmir jgħajjatli,
Mexxini Int, urini sewwa t-Triq.

U issa qabel nitlaq minn quddiemek,
Ġesù nitolbok: barka, sedq f'kull ħin;
Inwiegħdek b'ħerqa li Għalik inħabrek
Biex Int issaltan fija w fil-bnedmin.